MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 500/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Terrence Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-gzejjer, fit-13 ta' Novembru, 2010 f'xi hin bejn il-hamsa ta' filghodu u s-sebgha ta' filghodu waqt li kien gewwa l-Qawra, San Pawl il-Bahar;

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offizi fuq il-persuni ta' PC 1364, PC 210 persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien u ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni

ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ Artikolu 95 ta’ kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezisetenza bi vjolenza jew hebb kontra PC 1364 C. Vella u cioe’ persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur ta’ Artikolu 96 tal-ligijiet ta’ Malta.

3. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna offiza ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ PC 1364 C. Vella skont kif iccertifikat mit-tabib Dr. L. Gatt MD Reg. No. 2189 u dan bi ksur ta’ Artikolu 221 (1) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxxenn u indicenti li kien ukoll jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(bb) u 342 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 1364 C. Vella Attard, jew ma helliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b’xi mod iehor, u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(dd) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien fl-ghassa tal-pulizija tajt falz lil ufficjal pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu fejn

joqghod u partikolaritajiet ohra u dan bi ksur tal-artikolru 338 (g) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Il-Qorti ntalbet ukoll li f'każ ta' ħtija tqis lil Terrence Scerri bħala li sar reċediv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu. [1]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Novembru, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 95, 96, 221(1), 338(bb), (dd), (ee) u (g), 342 u 49 tal-Kap 9, iddecidiet billi lliberat lill-appellat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn skond id-dispost tal-artikolu 22 tal-Kap. 446. Oltre dan ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500) fuq l-ewwel akkuza u għal ħlas ta' ammenda ta' sittin Euro (€60) fuq l-akkuzi 4,5,6 u 7.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

Ordnat li dawn l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija kontra Terrence Scerri u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti applikat il-piena u tinfliggi kontra l-appellat il-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[1] L-Avukat Ġenerali, huwa u jelenka l-imputazzjonijiet, ħalla barra l-imputazzjoni numru 3 dwar ir-reat ta' offfiża ħafifa.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti erogat piena mtaffija ħafna fil-konfront ta' l-appellat. Fil-fatt mingħajr tlaqliq l-appellant jghid li tali piena hija wahda irrisorja meta kkomparata mal-gravita` ta' dan il-kaz. L-artikolu 96 tal-Kap 9 dejjem tqies bħala wieħed serju ħafna minħabba li dan l-artikolu jagħti protezzjoni lill-uffiċjali pubbliċi waqt li jkunu jaqdu dmirijiethom. (Ara s-sentenza 'Il-Pulizija versus Ivan Felice datata 4 ta' Ġunju 2002.) L-appellat eppretenda li l-Pulizija ma kellux jindaħal wara li l-appellat kien umilja lit-tfajla tiegħu. Il-fedina penali tal-appellat turi wkoll x'tip ta' karattru hu.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li l-ewwelnett, peress li l-appellat kien ammetta mal-ewwel, ma jeżisti ebda record ta' xi xhieda fil-proċess.

Għalhekk il-Qorti kulma għandha quddiemha hija l-istqarrija tal-appellat (fol7), il-current incident report fol 9 fejn jingħad li l-appellat daqqa ta' ponn lill-pulizija, iċ-ċertifikat tat-tabib li jgħid li l-offiża kienet ħafifa u l-fedina penali tal-appellat fejn kien ikkundannat iħallas multa ta' Lm50 fit-30 t'Ottubru 2006 u multa ta' Lm100 fl-1 ta' Novembru, 2007.

Waqt it-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni prattikament straħet fuq ir-rikors tal-appell waqt li d-Difiża ssottmettiet li, kontra dak li qalet il-Prosekuzzjoni, hemm għadd ta' setennzi li kienu deċiżi b'mod differenti minn dik ċitata mill-Prosekuzzjoni għalkemm kienu dwar l-istess reati.

L-appell tal-Avukat Ġenerali huwa dwar il-piena.

F'każ ta' appella minn piena:

***<u>'...il-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti (f'an il-Każ Qorti tal-Appell Superjuri) mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat.' (Repubblika versus Owen Bonnici tad-19 ta' Mejju 2011).</u>***

Hawn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) irreferiet għal sentenzi oħrajn: 'Il-Pulizija versus Carmelo Ebejer tal-4 ta' Novembru, 2009; Il-Pulizija versus Nikola Farrugia tat-2 t'Ottubru 2002; Il-Pulizija versus Maurizio Massimiliano 13 ta' Novembru 2003; Repubblika versus David Vella 14 ta' Ġunju 1999; Ir-Repubblika ta' Malta versus Eleno sive Lino Bezzina tal-24 t'April, 2003.

Huwa tassew li skont l-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kap 9 l-Avukat Ġenerali jista' jappella 'fil-każijiet l-oħra kollha' u għalhekk fil-każ odjern l-Avukat Ġenerali seta' jappella mingħajr ma jkun imxekkel bil-limitazzjonijiet li jidhru taħt l-artikolu 413(1)(b). I\da, minkejja l-introduzzjoni ta' din l-emenda fis-sena 2003, ma jidhirx li kien hemm xi numru konsiderevoli ta' każi fejn kienet mibdula xi piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għaliex fil-fehma tal-Avukat Ġenerali din kienet waħda mieta. S'intendi basta li din il-piena kienet fil-parametri tal-Liġi.

Mill-atti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (1) illiberat lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sentejn; ikkundannatu jħallas €500 fuq l-ewwel akkuża u ikkundannat lill-appellat iħallas sittin Ewro (€60 ) fuq l-akkużi 4, 5, 6 u 7. Il-piena dwar ir-reċidiva hija fakoltativa.

Skont l-artikolu 22 tal-Kap 446, il-Qorti tista' tillibera b'kondizzjoni sakemm il-piena għar-reat ma tkunx taqbeż is-seba' snin. L-artikolu 96 (a) il-piena hija waħda ta' priġunerija bejn l-erba' xhur u s-sena. Għalhekk din ma taqbizx is-seba' snin.

L-artikolu 95 jipprovdi żewġ pieni – waħda taħt l-ewwel subparagrafu (fejn il-piena tiżdied bi grad għal dik

stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 95; u l-oħra taħt it-tieni subparagrafu li jipprovdi hekk:

'Iżda l-piena ma tiżdiedx meta hija dik stabbilita għall-kontravenzjonijiet.'

Taħt l-artikolu 95, il-piena hija wkoll inaqas minn seba' snin u tista' tkun waħda li japplika s-s-subinċiż tnejn ukoll fejn il-piena tibqa' fuq il-livell tal-kontravenzjonijiet.

Dwar ir-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kap 9, waqt li l-Avukat Ġenerali ċċita każ fejn kienet ingħatat piena karċerarja, l-abbli Difensur issottometta li l-Qrati mhux dejjem applikaw din il-piena f'każijiet oħra dwar l-istess reat.

L-imputazzjonijiet l-oħra huma kollha dwar kontravenzjonijiet.

L-appellat għamel ammissjoni bikrija **u dan il-fattur għandu jitqies ukoll.**

**Konkużjoni**

Ir-rikors tal-Avukat Ġenerali għandu punt wieħed – li l-piena setgħet kienet aktar ħarxa. Il-Qorti, (i) fid-dawl tal-prinċipju li l-Qrati tal-Appell (kemm inferjuri kif ukoll Superjuri) ilhom josservaw; u (ii) fin-nuqqas ta' record ta' x'ġara u x'ma ġarax minħabba li ma xehed ħadd; u (iii) stante li l-appellat jibbenefika minn tnaqqis minħabba li għamel ammissjoni mal-ewwel dahera; wara li eżaminat l-imputazzjonijiet u l-piena mogħtija ma jidhrilhiex li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk qed tiċħad l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------